MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2009

Appell Kriminali Numru. 313/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Martin (Martin-Joseph) Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Martin (Martin-Joseph) Galea talli f'dawn il-Gzejjer fit-28 ta' April 1999 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data:

(1) Ikkoltiva l-pjanta cannabis bi ksur ta' l-artikolu 8© tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(2) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

(3) Kiser il-kundizzjonijiet ta’ zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta (Awla 8) fit-8 ta’ Jannar 1999 u fis-16 ta’ Frar 1999.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imsemi Martin (Martin-Joseph) Galea jhallas l-ispejjez li ghandho x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tas-26 ta’ Settembru 2006 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(h) u 42(d) tal-Kap. 9, l-artikoli 8(c), 8(d), 22(1)(a), 22(1B) u 22(2)(b)(1) tal-Kap. 101, sabet lill-imsemmi Martin (Martin-Joseph) Galea hati bhala komplici ta’ l-ewwel imputazzjoni, hati tat-tieni imputazzjoni li hija assorbita fl-ewwel wahda u mhux hati tat-tielet imputazzjoni li minnha lliberatu u kkundannatu ghal sitt xhur prigunerija u ghal multa ta’ mitejn liri Maltin (Lm200). Inoltre l-ewwel Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga filwaqt li ma applikatx l-artikolu 533 tal-Kap. 9 minhabba li l-ispejjez ta’ l-esperti saru waqt inkjesta li tmexxiet qabel is-16 ta’ Jannar 2006;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Martin (Martin-Joseph) Galea pprezentat fil-5 ta’ Ottubru 2006 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

(a) tikkonfermaha fil-parti fejn sabitu mhux hati tat-tielet imputazzjoni u minnha lliberatu skond il-ligi;

(b) tikkonfermaha fil-parti fejn ma applikatx l-artikolu 533 tal-Kap. 9; u

(c) thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati bhala komplici ta’ l-ewwel imputazzjoni u hati tat-tieni imputazzjoni u ta’ dawn l-imputazzjonijiet tiddikjarah mhux hati u minnhom tilliberah skond il-ligi;

U fil-kaz li dan l-appell ma jintlaqax, tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi mposta piena/sanzjoni aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) id-dikjarazzjoni ta' htija li ghamlet l-ewwel Qorti hi wahda *"unsafe and unsatisfactory"*; (2) minghajr pregudizzju, l-ewwel Qorti abbraccjat il-verzjoni ta' Adrian Farrugia b'konsegwenza ta' interpretazzjoni zbaljata tal-prezunzjoni tal-pussess u ta' meta Qorti tkun rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti; (3) minghajr pregudizzju ghall-premess, in vista ta' numru ta' fatturi socjali u personali, jista' jkun hemm temperament fil-piena.

L-aggravju principali ta' l-appellant jirrigwarda l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. Issa, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa**

F'**Blackstone's Criminal Practice 2004** naqraw ukoll (para. D23.17 pagna 1668):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective**

---

**Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'."**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

L-appellant jghid illi meta wiehed iqis diversi fatturi li jeskluduh mill-involviment fil-koltivar tal-pjanti tal-cannabis misjuba, ma jaghmilx sens legali li dawn ir-rizultanzi jigu skartati minhabba dikjarazzjoni wahda ta' Adrian Farrugia meta jghid li darba saqqihom l-appellant u ghenu jbiddlilhom il-pozizzjoni. Il-fatturi li jsemmi huma li x-xhud ewlieni Adrian Farrugia (a) gie fil-pussess taz-zerriegha tal-cannabis hu stess ad eskluzjoni ta' l-appellant; (b) zera z-zerriegha hu stess ad eskluzjoni ta' l-appellant; (c) instabulu oggetti ohra, bhal tazzi tal-yogurt, li lkoll jorbtu lil Adrian Farrugia ad eskluzjoni ta' l-appellant; (d) inghata access ghall-fond *de quo* mill-appellant; (e) inghata access legittimu, u cioe` biex jitkompla x-xoghol ta' kostruzzjoni/manutenzjoni ta' l-istess fond. Ghalhekk Adrian Farrugia, skond l-appellant, ma jikkonvincix, almenu f'dik il-parti fejn superficjalment jinvolvi lill-

appellant, u mhuwiex konducenti ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja.

Dwar il-kwistjoni ta' pussess, l-appellant ma kkontestax li c-cwievet kienu nghataw lilu originarjament. Tali pussess pero` ma baqax wiehed esklussiv ghalih peress illi Adrian Farrugia nghata cavetta wkoll, u dan peress illi kien qed jghin lill-appellant fix-xoghol. L-appellant ghalhekk isostni: "Ma jsegwix legalment li ghax l-esponent kien pussessur tal-fond *de quo* allura jigi prezunt li hu kien jaf li l-oggett *de quo* kienet droga – partikolarment meta wiehed irid jaccetta li effettivament Adrian Farrugia kellu access liberu ghall-fond *de quo*. Li materjalment il-cannabis kienet fil-gardina (pero` mohbija sewwa) tal-fond *de quo* huwa fatt pruvat; izda huwa mankanti f'dan il-process il-prova idoneja u konklussiva tax-xjenza da parti tal-esponent."

Dwar il-kwistjoni ta' verzjonijiet konfliggenti l-appellant jghid li l-ewwel Qorti donnha qalet li l-funzjoni tal-Qorti, meta rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tkun dik li tara liema wahda sejra temmen. L-appellant jghid li ma jaqbilx ma' tali pozizzjoni ghax Qorti rinfaccjata b'verzjonijiet konfliggenti ghandha diversi metodi legittimi kif tiddisponi mill-kwistjoni: "tista' temmen verzjoni u ma temminx l-ohra; tista' tghid li z-zewg verzjonijiet huma plawsibbli (f'liema kaz jekk il-Qorti jkollha dubbju dwar liema hija aktar qrib is-sewwa, tali dubbju ghandu jmur favur l-akkuzat); u tista' tghid ukoll illi huwa aktar iva milli le (aktar probabbli) li sehh dak li qed jghid xhud wiehed u mhux l-iehor." Skond l-appellant, f'dan il-kaz ic-cirkostanzi huma aktar indikattivi li kemm il-verzjoni ta' Adrian Farrugia kif ukoll dik ta'l-apeplalnt huma plawsibbli: "possibbli sehh kif qed jghid Adrian Farrugia izda possibbli wkoll li sehh kif qed jghid l-esponent. F'termini legali wiehed jista' jghid ukoll illi huwa aktar probabbli kif qed jghid Adrian Farrugia milli kif qed jghid l-esponent. Izda kif inhu stabilit, la l-grad ta' possibbli (l-ewwel ipotezi) u lanqas il-grad tal-probabbli (it-tieni ipotezi) ma jippermettu li a bazi taghhom tista' tinstab htija kriminali).

Jibda biex jinghad illi huwa minnu li f'dan il-kaz ghandna zewg verzjonijiet konfliggenti. Izda l-fatt li jkun hemm

zewg verzjonijiet kontrastanti, ma jfissirx illi Qorti tkun prekluza milli taccetta verzjoni jew ohra. Wara kollox, ix-xiehda ta’ xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[2]. U kif gie ritenut fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta’ Lulju 2003, *“mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f’kaz ta’ konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f’hiex ser temmnu jew ma temmnux”*[3]. Dan naturalment ma jfissirx illi l-Qorti hi tenuta li taccetta verzjoni jew ohra ghax, kif tajjeb qal l-appellant, jista’ jkollok sitwazzjoni fejn iz-zewg verzjonijiet jistghu jkunu plawsibbli jew inkella li verzjoni wahda hija aktar probabbli mill-ohra.

L-ewwel Qorti ddecidiet li kellha temmen il-verzjoni li ta Adrian Farrugia, cioe` li l-appellant f’okkazjoni wahda saqqa l-pjanti tal-cannabis u ghenu jispostahom. L-appellant isostni illi x-xiehda ta’ Adrian Farrugia ma tikkonvincix.

Issa, mill-provi jirrizulta illi fl-1 ta’ Mejju 1999 il-Pulizija arrestaw lil Adrian Farrugia mill-fond 55/56 Triq Nofsinhar Siggiewi fejn sabu seba’ kontenituri bil-pjanti tal-cannabis. Fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija Adrian Farrugia ammetta li kien zera’ z-zerriegha hu u li kien gab dik iz-zerriegha minghand certu Christopher Azzopardi. Ic-cavetta qal li kien tahielu l-appellant u hu kien imur fil-post biss biex isaqqi l-pjanti kull tlett ijiem. Imbaghad jghid fl-istqarrija: “kont mort l-ahhar nhar-il Erbgha ghall-habta ta’ xi 5.30 p.m. jew 6.00 p.m., u mort ma’ Martin. Kif morna hemmhekk sibna tlieta min-nies li kienu puliti u wara li telqu, jiena u Martin, saqqejna l-pjanti u biddilnilhom il-pozizzjoni wkoll. Irrid nghid li dakinhar innutajt li pjanta li kienet fuq ic-cint aktarx kienet naqset. Dika l-pjanta ta’ fuq ic-cint kien poggiha Martin. Irrid nghid li dakinhar stess

[2] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.
[3] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

ghall-habta ta' xi 1.00 p.m. jiena kont mort wahdi nsaqqihom, pero` kien hemm xi nies u tlaqt 'l hemmhekk. Cempilt lil Martin u ddecidejna li mmorru ghall-habta ta' xi 5.30 p.m. Konna nuzaw ilma li konna nzommu fil-fliexken fil-vicin."

Fil-proceduri li ttiehdu kontra Adrian Farrugia, dan Adrian Farrugia xehed u mill-atti jirrizulta li kull ma sar kien li nqratlu l-istqarrija, gie mistoqsi jekk jikkonfermahiex bil-gurament u jekk kienx dispost li jekk isejjahlu l-Ispettur kienx lest li jixhed fil-konfront tan-nies li semma fl-istqarrija, ghal-liema kweziti wiegeb telegrafikament "Ija."

Meta xehed fil-proceduri kontra l-appellant quddiem l-ewwel Qorti, mistoqsi waqt l-ezami x'konnessjoni kellu mal-post fejn instabu l-pjanti, qal: "Xejn jien bazikament konna ddecidejna, kelli zerriegha u hekk u ddecidejna li nkabbru u ridt post fejn naghmluha." Imbaghad mistoqsi x'kienu ddecidew qal: "Xejn kelli zerriegha jien tal-cannabis, pjantajthom jien u kont staqsejt lil Martin minhabba c-cavetta biex naghmluhom hemmhekk u Martin tani c-cavetta u ghamilnihom f'dan il-post." Mistoqsi x'intenzjoni kellhom li jaghmlu bihom, wiegeb li ghall-uzu personali taghhom, biex ipejpu huma.

In kontro-ezami Adrian Farrugia jerga' jghid li kien hemm darba meta mar flimkien ma' l-appellant u saqqew il-pjanti. Waqt ri-ezami, mistoqsi jekk hallewhomx fl-istess posizzjoni fil-gnien, wiegeb. "Darba caqlaqnihom xi haga jidhirli". Mistoqsi jekk hux hu jew it-tnejn wiegeb li ma jiftakarx u meta nqratlu l-parti rilevanti ta' l-istqarrija li kien ghamel, qal li minn dakinhar lil hawn nesa. Mistoqsi minn fejn kienu jgibu l-ilma, wiegeb li kien hemm bir fil-gnien u kienu jgibu l-ilma minn hemm. Insista li dak li kien qal fl-istqarrija kienet il-verita`.

Wara li din il-Qorti qrat diversi drabi dak li qal Adrian Farrugia u hasbet fit-tul dwar dak li qal, ma tistax ma tinnotax illi l-imsemmi Adrian Farrugia deher titubanti dwar il-verzjoni li kien se jaghti meta xehed quddiem l-ewwel Qorti, u cioe` jekk kienx hu biss responsabbli, jew jekk l-appellant kienx komplici mieghu mill-bidu, jew jekk kienx

komplici mieghu unikament fil-grad li semma fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija. Issa, filwaqt li Adrian Farrugia ddikjara fix-xiehda tieghu li fl-istqarrija tieghu lill-Pulizija kien qal il-verita`, din il-Qorti ma setghetx ma tinnotax illi hemm certi diskrepanzi bejn dak li qal fl-istqarrija u dak li xehed quddiem l-ewwel Qorti. Filwaqt illi fl-istqarrija, li huwa anke kkonferma bil-gurament fil-proceduri li ttiehdu kontra tieghu, l-uniku involviment li jghid li l-appellant kellu kien fis-sens li darba kien mieghu u saqqew il-pjanti u biddlulhom il-pozizzjoni taghhom, meta xehed quddiem l-ewwel Qorti qal li “ddecidejna li nkabbru” u “ghamilnihom f’dan il-post”. Din il-Qorti ma tistax ma ssaqsix jekk l-uzu tal-plural hawn kienx tentattiv biex Adrian Farrugia jipprova jzid id-doza jew kienx qieghed jirreferi ghal haddiehor. L-uzu tal-plural f’diversi istanzi jidher li kien indott principalment minn mistoqsijiet tal-prosekuzzjoni: “X’kontu ddecidejtu dak iz-zmien?” u “Jien qed nistaqsieh jekk kellhomx intenzjoni li jbieghuhom, jew biex jaghmlu uzu minnhom” u “L-ilma minn fejn kontu ggibuh biex issaqqu?” u “Kemm kontu ilkom li ghamiltuhom dawn il-pjanti?” Barra minn hekk, ghalkemm jghid li fl-istqarrija kien qal il-verita`, meta xehed quddiem l-ewwel Qorti qal li nesa jekk il-pjanti kienx caqlaqhom wahdu jew flimkien ma’ l-appellant. Hemm diskrepanza wkoll dwar minn fejn kien jingieb l-ilma. Fl-istqarrija jghid li kienu juzaw ilma li kienu jzommu fil-fliexken fil-vicin, filwaqt illi meta xehed qal li kienu jgibu l-ilma minn bir fl-istess gnien.

Huwa minnu li ma tirrizulta l-ebda raguni ghaliex Adrian Farrugia kellu jigdeb dwar l-appellant. Izda din il-Qorti ma tistax ma tistaqsix kemm huwa verosimili li Adrian Farrugia, ghax filghodu (fil-gurnata ta’ l-Erbgha qabel l-arrest ta’ Adrian Farrugia) ma rnexxilux isaqqi l-pjanti ghax kien hemm in-nies, joqghod jikkuntattja lill-appellant biex imur mieghu meta kien dejjem hu, Adrian Farrugia, li kien qieghed isaqqi l-istess pjanti. Zgur ma kienx hemm tant pjanti li kellu bzonn l-ghajnuna, la biex isaqqihom u lanqas biex ibiddlilhom posthom.

L-appellant jichad kategorikament li kien jaf bil-pjanti. Jichad li qatt saqqihom. Meta ghamel l-istqarrija tieghu lill-Pulizija ammetta bla tlaqliq li l-ahhar li kien fil-post fejn

instabu l-pjanti kien l-Erbgha filghaxija meta mar ma' Adrian Farrugia. Din il-Qorti tistaqsi: Kieku l-appellant kien jaf bil-pjanti, kien jammetti daqstant skjettament li kien ma' Adrian Farrugia proprju fil-gurnata u fil-hin li suppost kien qieghed isaqqi l-pjanti? Li l-appellant kellu access ghall-fond fejn instabu l-pjanti huwa ammess u dan kien peress illi l-proprjetarju kien tah ic-cwievet sabiex ikun jista' jaghmillu xi xoghol fil-post. L-appellant jammetti wkoll li kien ta c-cwievet lil Adrian Farrugia biex jghinu. Il-pussess tac-cwievet tal-fond mill-appellant ma jfissirx awtomatikament il-pussess tal-pjanti kontra l-ligi ghax trid tirrizulta x-xjenza. Fix-xiehda tieghu l-appellant jghid: "Ma nafx ghala [Adrian Farrugia] qed jghid hekk ghax jien mhux talli ma saqqejthomx talli lanqas kont naf bihom. Ghalkemm il-post nammetti li jien kont responsabbli ghalih pero` ma kontx naf li kien hemm dawn il-pjanti ahseb u ara kemm saqqejthom."

Huwa possibbli illi l-appellant kellu s-sehem minimu li jirreferi ghalih Adrian Farrugia fil-kultivazzjoni tal-pjanti in kwistjoni billi saqqihom darba. Izda l-prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha minghajr dubju ragjonevoli (*beyond reasonable doubt*). U dan huwa wiehed minn dawk il-kazijiet fejn, kbir kemm jista' jkun kbir is-suspett li jipponta lejn l-appellant minhabba dak li qal Adrian Farrugia, in vista tal-kweziti li ghamlet din il-Qorti u in vista tal-fatt li l-post kien accessibbli ghal haddiehor ukoll, dejjem jibqa' f'mohh din il-Qorti dak il-*"lurking doubt"* jekk kienx hemm l-element tax-xjenza da parti ta' l-appellant.

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fil-parti fejn sabet lill-appellant hati bhala komplici ta' l-ewwel imputazzjoni u hati tat-tieni imputazzjoni u fil-parti fejn ikkundannatu ghal sitt xhur prigunerija u mitejn liri Maltin (Lm200) multa, u minflok tiddikjarah mhux hati ta' dawk l-imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, tilliberah minn kull piena u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------